# IL-PJAN TAL-LEZZJONI - 6.2

**Kap 6: Iċ-Ċirku ta' Ġewwa**

**Lezzjoni 6.2: X'naqsmu ma' ħbiebna**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jaraw kif Ġesù kien iġib ruħu mal-appostli, l-aktar ħbieb tiegħu.
2. Jiftakru fil-ferħ li jġibu l-ħbieb.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

http://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=80wtJzHtaZU#!

- stampi:- tat-tieġ ta' Kana, Ġesù jgħallem, Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ
- Songworksheet
- Attività 1: Aqra s-silta.....
- Attività 2: Ħares lejn dawn l-istampi.....



- Flip chart
- Bullettin Board Worksheet 6.2

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

1. Uża Flip Chart.

2. Uri l-vidjow-clip tas-sejħa tal-Appostli: http://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=80wtJzHtaZU#!



3. Staqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:

-Ma' min kien ħabib Ġesù?

-Kif kienu jġibu ruħhom flimkien?

4. Għid u spjega lit-tfal li:

- Ġesù bena ħbiberija sinċiera u qawwija mal-Appostli.
- Qasam ħajtu magħhom (fit-tieġ ta' Kana, jistad, jitlob, jiekol, jistrieħ)
- Kien jgħallimhom waħedhom (għallimhom it-Talba tal-Missierna, spjegalhom il-parabboli)

-Kien jiddefendihom u jaqbeż għalihom ( fil-ġnien taż-Żebbuġ).

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

L-Appostli emmnu lil Ġesù u kienu qalb waħda u ruħ waħda. Jekk wieħed fil-bżonn, wieħed kien jgħin lill-ieħor. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien. Dan huwa li jrid minna l-Mulej: li nħobbu lil xulxin kif ħabbna Hu u li naqsmu  il-ferħ flimkien.

A. Ġesù mal-Appostli kien:-

= jinftiehem minn kulħadd;

= jgħallem u "mimli bil-ħlewwa." (Lq 4,22);

= jaqra l-qalb tal-bniedem u jagħtiha l-faraġ, it-tama, l-imħabba u l-paċi;

= onest u sinċier f'dak li kien jgħid, jgħallem u fl-għemil tiegħu;

= ta' karattru sod, ħieles u determinat;

= jirrispetta d-dinjità ta' kull appostlu - ma kienx jitħallat biss mal-kbarat, mal-għorrief u dawk li kienu smati fis-soċjetà iżda wkoll mat-tfal u man-nisa, mal-pagani, man-nisa tat-triq, mal-midinbin pubbliċi, mas-Samaritani u mal-Pubblikani.

B. Aħna u l-ħbieb:



= naqsmu l-logħob, xi ikel, frott,il-ferħ;

= niftħu qalbna;

= ngħidu u naqsmu d-dwejjaq u l-ferħ;

= ngħinu;

= nħobbu;

= naqbżu għal xulxin

C. Aħdem:

1. Attività 1 u attività 2.

2. Bullettin Board - Fishers of Men

3. Song worksheet.

**Nikbru flimkien (il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù qasam il-paċi, il-ferħ u l-imħabba mal-appostli.

2. Aħna għandna nimxu fuq il-passi tiegħu u niftakru fil-ferħ li jkollna meta naqsmu mal-ħbieb.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Niftakru, li l-Mulej Alla, għalhekk bagħat lil Ġesù fid-dinja, biex jgħinna niftakru fil-ferħ li jġibu l-ħbieb, meta nimxu fuq il-passi tiegħu mal-appostli.



**Niċċelebraw flimkien xi kant/drama/DVD ecc..**



Uri ppt:Come follow me

http://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=80wtJzHtaZU#!

Enfasizza li nimxu warajH u niftakru fil-ferħ meta nilqgħu bit-tjubija u bil-ferħ bejnietna.

**Nitolbu**

Grazzi Mulej Ġesù tal-ferħ li jkollna f'qalbna meta nkunu mal-ħbieb.

Ammen.

